Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

# Seduta numru 53. Illum it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2009

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.00 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

**Approvazzjoni tal-Minuti**
**Korrispondenza**
**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**
**Budget Annwali 2009-2010**
**Offerta ghall-Installazzjoni ta' Soffitti fl-estensjoni tal-Kunsill**
**Offerta ghall-ghamara fl-Ufficcju amministrattiv**
**Offerta ghall-Installazzjoni ta' Lift**
**Zjara mill-Comune di Mathi**
**Festa Frawli 2009**
**Affarijiet Mixxellanji**

**PREZENTI**

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt, Il-Kunsillier Victoria Sammut, , il-Kunsillier Agostino Ebejer

**ASSENTI**
Il-Kunsillier David Battistino, minhabba ragunijiet familjari.

Il-laqgha giet immexxija mis-Sindku.

**MINUTI**

## 440.0 Offerta ghall-Installazzjoni ta' Soffitti fl-estensjoni tal-Kunsill

440.1 Il-Kunsill rega' evalwa l-offerta ghall-Installazzjoni ta' Soffitti fl-estensjoni tal-Kunsill.

440.2 Il-Kunsill ghamel il-kalkoli tieghu u mill-istimi sottomessi, l-orhos offerta kienet dik ta' Project Teknik.

440.3 Is-Sindku ppropona li tinghazel din l-offerta peress li meta tikkunsidra li l-Kunsill se jkun qed jaghmel il-maggor parti tas-soqfa bis-suffitt, din tigi l-orhos offerta. Barraminhekk, mid-dokumentazzjoni ta' l-offerta juri li din il-kumpanija ghandha reputazzjoni tajba. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 441.0 Offerta ghall-ghamara fl-Ufficcju amministrattiv

441.1 Il-Kunsill evalwa d-disinni sottomessi ghal din l-offerta.

441.2 Is-Sindku ppropona li fid-dawl li l-ahjar disinn propost ghall-prezz li offra kien ta' C. Fino & Sons. Ltd. u minbarra hekk il-kumpanija ghandha reputazzjoni tajba, il-Kunsill jaghzel l-offerta tieghu ghal prezz ta' € 2023.00.

441.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**442.0 Offerta ghall-Installazzjoni ta' Lift u Lift platform**

442.1 Il-Kunsill fetah l-offerti ghall-installazzjoni ta' lift u lift platform li kienu jghoddu ghal hamsa u kienu sottomessi minn;

- Elmein Ltd.
- S.S. Lifts
- Panta Marketing
- Mekanika
- C.P.I Ltd.

442.2 Il-Kunsill qabel li jghaddi l-offerti lill-Engineer tieghu ghall-evalwazzjoni minhabba l-lat tekniku ta' din l-offerta u ghalhekk decizjoni dwar din l-offerta tkun tista' tittiehed fil-laqgha sussegwenti.

442.3 L-iskeda tal-prezzijiet ta' din l-offerta qed tigi annessa ma dawn il-Minuti.

**443.0 Zjara mill-Comune di Mathi**

443.1 Is-Sindku qal li z-zjara mill-Comune di Mathi u l-iffirmar tal-Gemellagg kienet okkazjoni posittiva ferm, tant li x'hin waslu lura l-Italja, cemplu biex jirringrazzjaw 'il-Kunsill ta' l-ospitalita tieghu u lesti jirreciprokaw din iz-zjara.

443.2 Waqt iz-zjara ta' din id-delegazzjoni, li kienet tammonta ghal 19 –il persuna, zaru l-estensjoni tal-Kunsill, il-knisja Parrokjali, iz-zewg kazini politici Partit Laburista u Partit Nazzjonalista, it-tempji Ta' Hagrat u Skorba, il-Kunvent tas-Sorjiet Frangiskani u ltaqghu mal-Koperattiva tal-Bdiewa Mgarr, il-Kumitat Knisja Zebbiegh, l-Imgarr Football Nursery, il-Kumitat Oratorju, filwaqt li raw esibizzjoni ta' xoghol bl-idejn preparata min-nisa tal-lokalita.

443.3 Is-Sindku tal-lokalita ta' Mathi, il-Cav. Crispino Caudera hawwel sigra ta' l-okkazjoni magemb il-bust ta' Mons. Orazju Vella.

443.4 L-Onor Chris Said, li kien prezenti waqt il-Gemellagg heggeg biex il-Gemellagg jibqa' wiehed attiv biex iz-zewg komunitajiet ikunu jistghu igawdu mill-beneficci li joffri.

443.5 Is-Sindku ppropona li jintbaghtu ittri ta' ringrazzjament lill-Kappillan u l-Kleru tal-messagg tieghu, il-Kumitat taz-zghazagh, lill-Kumitat tal-Festa, is-Sorjiet

Frangiskani, il-Koperattiva tal-Bdiewa Mgarr u l-Imgarr Youth Nursery ta' l-ospitalita taghhom mad-delegazzjoni ta' Mathi ( To).

**444.0 Festa Frawli 2009**

444.1 Il-Kunsill irrimarka dwar il-volum ta' nies li kienu prezenti ghal din l-attivita u kien sodisfatt bl-andament taghha.

444.2 Is-Sindku nforma li waqt il-laqgha ta' evalwazzjoni li saret mill-Kummissjoni Lejla Mgarrija kien hemm qbil li l-attivita tinfirex taht iz-zuntier biex ikun hemm aktar spazju ghan-nies madwar *l-istalls,* filwaqt li jizdiedu numru ta' postazzjonijiet minn fejn jinbiegh il-frawli. Is-Sindku qal li s-sena d-diehla trid tinstab soluzzjoni ghall-*park & ride* peress li l-grawnd tal-futbol mhux se jkun aktar accessibbli ghal dan il-ghan. Il-Kunsill qabel u rrimarka dwar dawn il-punti.

**445.0 Affarijiet Mixxellanji**

445.1 Il-Kunsill qabel li jaghti donazzjoni ta' €50 lill-Physically Handicapped Rehabilitation Fund (PHRD).

445.2 Is-Sindku nforma li l-Kunsill beda jahdem fuq il-progett MED ta' l-Unjoni Ewropeja jismu Biolmed u li fl-10 u l-11 ta' Gunju, se ssir l-ewwel laqgha ta' dan il-progett f'Bari l-Italja. Is-Sindku ppropona li ghal din il-laqgha jkun prezenti l-konsulent ta' dan il-progett, is-Sur Sammy Cremona. Il-Kunsill qabel.

445.3 Is-Sindku nforma li fit-12 ta' Mejju, il-Protezzjoni Civili, flimkien mal-Korp tal-pulizija u Ufficjali mid-Divizjoni tax-Xoghlijiet waqqghu gebla li kienet perikoluza fil-ponta tal-Qarraba; bejn il-Bajja tal-Gnejna u l-bajja Riviera.

445.4 Il-Kunsillier Agostino Ebejer informa dwar il-hsara li saret minn krejn fi Triq Mons Orazju Vella. Il-Kunsill se jitlob lill-kuntrattur biex jirrimedja l-hsarat li saru.

445.5 Is-Sindku nforma li se jsiru linji sofor fi Triq San Pawl u Triq Gammari Camilleri, biex jirrimedjaw problema fejn persuna qed issib ostaklu biex tohrog mill-garaxx taghha.

445.6 Il-Kunsill gabar stimi ghar-*railing* tat-tarag ta' l-estensjoni b'materjal *aluminium* u hadid. Il-Kunsill qabel li jaghzel *aluminium* bhala materjal u jordna *r-railing* minghand Lautier Ltd. minhabba r-reputazzjoni tajba li ghandha din il-kumpanija f'dan ix-xoghol.

445.7 Il-laqgha ntemmet fit-8.00p.m.

445.8 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju, fis-6.30p.m.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***


Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku


***Sindku** : Paul Vella, **Vici Sindku** : Giovanni Gatt,*
***Kunsillieri** : Victoria Sammut, David Battistino, Agostino Ebejer*
***Segretarju Ezekuttiv** : Christine Falzon Dip.Gen.Mgt.(MSM),MIM*